# TIFKIRIET TA' TFULITI

*Ta'* KARMENU VASSALLO

Kemm kont ħelu u gustuż meta kont tfajjel!
X'seħer kelli għall-friefet w-għall-ħuttaf!
X'baħar ta' ħajr f'daqsxejn ta' xitla, f'rimja!
Tfuliti kienet Ġenna: u ma kontx naf!

* * *

Kienet l-għamara tiegħi
— u miegħi
dik ta' missieri u t'ommi —
terran,
b'bitħa u b'roqgħa ħamrija,
xi mkien ġo San Ġiljan.

Dik id-dwejra kennija
kienet għal ħajti, f'dawk is-snin bikrija,
ġmiel u kobor id-dinja u l-Univers!
Ommi mill-għatba 'l barra
qajla kienet tħallini
nixref fit-triq għall-beraħ.
Għajr b'wiċċha u b'wiċċ missieri
(li kien jagħmilli xi vapur tal-karti,
jixtrili xi kandlier taċ-ċomb, xi xemgħa
sabiħa tal-kulur, jonkella f'buti
iżerżaqli qajl qajl xi ponn perlini),
jien ma kont naf b'wiċċ ħadd.
Lil sħabi u 'l ħbiebi kien jeħtieġli nsibhom
fid-dinja u fl-univers li bejn ħitanha
kienet tiġbori dik id-dwejra, b'bitħa
magħha u b'roqgħa ħamrija.
b'siġra tal-ħawħ jew tal-berquq tixxabbat
minn wara l-ħajt għal ġewwa l-bitħa tagħna.

Għadni niftakar sew: kont nistħajjilni
ċkejken daqs ħolqa, inżiġġ u ntir u ngħaddi
ħafif minn kullimkien;
indaqqas miegħi l-irqaq dud u ħxejjex;
nitwaħħad hieni m'għaġeb il-ħolqien;

inserriplek man-nemel, jew ninżara'
u ninbet dik ix-xitla li nkun żrajt;
issa f'farfett ninbidel
kollni tiżwiq u lwien;
issa ndonn li t'għasfur rabbejt il-ġwienaħ
u fl-għoli, fl-għoli tlajt.

Mistrieħ imbagħ'd ġo soddti,
ħallih il-Lejl ħolliemi
quddiem għajnejja magħluqin jifrixli
egħġubijiet li jisbqu 'l ta' bin-Nhar:
naħal imleflef fil-bellus iżanżan
u jsoff l-għasel mill-ward li nżomm fi ħdani;
għasafar ħelwa jħaxwxu f'xuxti u jgħannu
għanja fuq oħra bl-oħla lsien fuqani;
sħab abjad, mieles u ħafif jistorni
u jkebbibni ġo fih bħal ġo lizar.
U hawn, bil-qtajja' ta' l-eluf, madwari
kont jien nilmaħ u nara
tfal bħali mwieżna ħelu
fuq ġwienaħ bojod bojod tal-ħarir,
mgħawma ta' dawl fi xmara
li, kull ma jmur, togħla mar-riħ u ttir.

Inmma l-ħolm ta' tfuliti
ma kienx dejjem sabiħ:
ġie li dellilli bi ħjut koroh suwed
li fihom rajt tixxeblek lil żgħużiti,
u ma' din irġuliti,
qisha qoxra ta' ġewża.
fuq mewġ ta' waħx misjuqa mill-irjieħ.

Bħal f'mera kbir, bejn ċar u bejn imgħajjeb,
issa jofrogħ u jimla donnu baħar,
issa jobrom u jdur donnu degħbien,
jien ġie li lmaħt sensiela
twila twila ta' wċuh,
u fihom ħajjet bniedem
li kont tistħajlu jien:

wiċċ iż-żeblieħ u l-faħar;
wiċċ it-tiċħid u l-għera
maħsul bl-għaraq u d-dmugħ;
wiċċ ta' bniedem magħfus b'tagħbija slaleb,
jiġġerra qalb l-uħux b'nifsu maqtugħ;
wiċċ iż-żgħużija mingħajr lewn, midbiela;
wiċċ ħawħa mgħawra ħin bla waqt mid-dud;
wiċċ hieni jilma b'ħajr il-Poeżija,
u fl-istess ħin inixxi d-demm, mikdud.

Issa, bħal sħaba rqiqa f'sema sajfi,
dak il-ħolm kollu benna għadda u mar:
għalxejn tibkih, għalxejn tixxennqu qalbi
magħsura bħal lumija mill-imrar.
Iżda l-ħolm l-ieħor kiebi
ta' waħx u qtigħ-il-qalb
kien bħal żerriegħa li fejn waqgħet nibtet
u rmiet u kotrot... Fija
sabiħ u bnin ma baqa' xejn! Bi ħsiebi
mill-ġdid ma nxettilhomx jiem it-tfulija;
W-anqas ma nsebbaħ waħx il-lum bit-talb!

Imma x-xewqa ma tmutx w-anqas id-dehra
fit-tifkira li ġġedded
dik il-ġenna ta' ħajr mgħajba biż-żmien:
id-dawl sabiħ ta' dik ir-Rebħa t'ilu
jibqa' sa fl-eqqel dalma tat-Telfien.
Għax jien għadni waqtiet inħoss xi jgħidli
li jekk f'ċokon l-imgħoddi
insaltan ma nistax b'kobor il-lum,
nista' ma' dlam il-lum bil-jedd inxierek
id-dawl tal-bieraħ li jħajjarni nqum
u narġa' biss b'daw'l-versi u b'qalbi magħhom
insib dak it-terran
li m'ommi u ma' missieri fi tfuliti
kont ngħammar fih, xi mkien ġo San Ġiljan.

12. 2. 51.